**(ix) Il-promozzjoni u s-sostenn fl-iżvilupp tas-swieq finanzjarji u ta' sistemi ta' pagamenti u ta' ħlas effiċjenti**

Sistema ta' pagamenti u ta' ħlas strutturata b'mod tajjeb tinkoraġġixxi l-użu effiċjenti tar-riżorsi u tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji. Il-Bank Ċentrali ta' Malta jħaddem sistema ta' pagamenti, li tagħmel parti mit-TARGET2, u li hija magħrufa bħala TARGET2Malta.

Il-Bank Ċentrali ta' Malta jieħu ħsieb ukoll u jirregola t-tħaddim ta', u l-parteċipazzjoni fis-sistemi ta' pagamenti u ta' ħlas ta' titoli kemm domestiċi kif ukoll bejn il-pajjiżi. Tinħtieġ awtorizzazzjoni mill-Bank qabel ma tibda titħaddem sistema ta' pagamenti u ta' ħlas ta' titoli. Barra dan, il-Bank jista' wkoll joħroġ direttivi dwar is-sistemi ta' pagamenti u ta' ħlas ta' titoli, dwar is-servizzi tat-trasferiment ta' kreditu bejn il-pajjiżi u dwar is-servizzi ta' pagamenti elettroniċi.